**168. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Jason Azzopardi ppproponew:**

Billi s-Sur Tony Zarb, fl-20 ta' Settembru 2018, pubblikament lissen dan il-kliem: "*komplu agħmlu l-bużullotti, komplu poġġu l-fjuri kemm tridu, tistgħu tadurawha, imma l-importanti għal Malta tagħna li hi qatt ma terġa' lura. Tajba ħbieb*", fil-konfront tal-ġurnalista maqtula Daphne Caruana Galizia ftit inqas minn sena ilu;

Billi s-Sur Tony Zarb fl-2015 kien irċieva Ġieħ ir-Repubblika mill-Istat Malti, l-ogħla unur li l-Istat Malti jista' jagħti;

Billi l-kliem imsemmi li qal pubblikament is-Sur Zarb fl-20 ta' Settembru 2018 huwa ta' min jistmerru u ma jista' qatt jiġi aċċettat f'pajjiżna, mhux biss għax huwa diskors li jkattar il-firda fl-Istat Malti mlissen minn persuna li ġiet ippremjata bl-ogħla ġieħ mill-istess Stat Malti, iżda wkoll, fost oħrajn, għax:

1. Jammonta għal apoloġija għal delitt faħxi, terroristiku u premeditat li ħasad il-ħajja ta' omm, mara, bint, ċittadina Maltija u ġurnalista;

2. Jagħti x'jifhem li kien għalih u li kien f'setgħetu biex iżomm it-twettiq ta' dan id-delitt, ma kienx iwaqqfu, ħaġa li ebda bniedem ma għandu jikkonċepixxi;

3. Jiġġustifika dak li huma akkużati li wettqu t-tliet persuni li bħalissa jinsabu akkużati fil-Qrati tagħna li wettqu, u ċjoè l-qtil premeditat ta' Daphne Caruana Galizia, u l-mandanti tagħhom;

4. Juri li mhux talli mhux lest ma jattakkax il-membri tal-*media*, iżda talli jaħdem bil-maqlub għal ambjent li fih jifjorixxu u jitkattru u jkunu aċċettabbli l-attakki fuq il-ġurnalisti;

5. Juri li jrid joqtol il-valuri mħarsa fil-Kostituzzjoni Maltija, speċjalment id-dritt għall-ħajja;

6. Juri li mhu xejn għajr apoloġista għal omiċidju faħxi li sena ilu ħasad lil pajjiżna u lil bosta lil hinn minn xtutna;

7. Huwa kliem li din il-Kamra tikkundanna bl-ikbar saħħa għax ma tista' qatt tkun kompliċi jew parteċipi f'diskors minn min ġie onorat bl-ogħla ġieħ tar-Repubblika tagħna li jnissel il-firda u li jagħmel il-ġurnalist, hu min hu, bħala għadu tal-poplu, minflok imexxi bl-eżempju t-tajjeb;

Għaldaqstant, din il-Kamra, fid-dawl ta' dan u għax temmen li trid tmexxi bl-eżempju biex id-diskors ta' mibgħeda u firda ma jkun qatt, u għall-ebda raġuni, iġġustifikat jew permess jew tolerat, iktar u iktar minn persuni li jokkupaw profil pubbliku, jekk mhux ukoll kariga pubblika, filwaqt li tikkundanna l-kliem imlissen mis-Sur Tony Zarb fl-20 ta' Settembru 2018, **tirrakkomanda** lill-E.T. il-President ta' Malta biex hija tirrevoka Ġieħ ir-Repubblika lis-Sur Tony Zarb.

01.10.2018